**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

# IL-SITT LEĠISLATURA

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 27 – IT-TNEJN, 5 TA' DIĊEMBRU 2011 FIL-5:30PM

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | | |
| | David Dalli | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Marica Bayliss | Kunsillier |
| | Violet Bajada | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 27**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni. Is-Sur David Dalli ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Mikhail Micallef issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Pagamenti Numru 55**

2.1 Is-Sinjura Violet Bajada ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**3 *Tender* SGNLC/T/16/11 – Ġnien G M Camilleri**

3.1 Saret diskussjoni rigward ir-rapport tal-Perit Ref: 2395/10. Is-Sur David Dalli ippropona li tiġi aċċettata l-offerta ta' Calamatta. Is-Sinjura Violet Bajada issekondat. Kien hemm 5 favur (David Dalli, Mikhail Micallef, Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici u Violet Bajada) u kien hemm 3 astensjoni (Marica Bayliss, Neville Mallia u Joan Farrugia). Il-proposta ġiet approvata.

**4 *Tenders* Pendenti**

4.1 Saret diskussjoni rigward it-tenders li kien hemm pendenti għall-aġġudikazzjoni, SGNLC/T/12/11, *Public Convienience*, SGNLC/T/14/11,

*Street Sweeping* San Ġwann u SGNLC/T/15/11 *Street Sweeping* Kappara. Kien hemm qbil li għandu jsir Bord ta' Aġġudikazzjoni magħmul minn Etienne Bonello Du Puis, Joan Farrugia, Marica Bayliss, Neville Mallia u Anthony Mifsud Bonnici.

Is-Sinjura Joan Farrugia skużat ruħha mil-laqgħa.

## 5 *Tender* SGNLC/T/11/11 – Xogħol fil-Blokkijiet tal-Gvern

5.1 Saret diskussjoni rigward ir-rapport tal-Perit 2584/11. Il-Kunsilliera Marica Bayliss ipproponiet li tiġi aċċettata l-offerta tal-*Proman Interiors*, skont ir-rakkomandazzjoni tal-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsillier Mikhail Micallef issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

Is-Sinjura Joan Farrugia reġgħet daħlet għal-laqgħa

## 6 Ingaġġ ta' Skrivana Skala 15 mal-Kunsill

6.1 Ġie deċiż li jinħatar Bord tal-Għażla biex issir ix-*short listing* u l-*interviews* lill-kandidati li japplikaw għal dan il-post. Dan il-Bord ser ikun jikkonsisti mis-Sindku Etienne Bonello Du Puis, David Dalli, Rita Saliba, rappreżentant mill-Kumitat tal-Kappara u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 7 Kommunikazzjoni mis-Sindku

7.1 Saret diskussjoni rigward il-bżonn li l-Kunsill jixtri vettura minflokk ikompli jikriha. Kien hemm qbil unanimu. Għandha tinħareġ sejħa għall-offerti.

7.2 Il-Kunsill ġie infurmat li applika għal *Measure 125* mal-Majjistaral Action Group għal Triq Vincenzo Galea.

7.3 Il-Kunsill ġie infurmat li l-*power purchase agreement* ġie iffirmat mal-Enemalta u l-proċeduri mixjin biex jitwaħħal l-*metre* tad-dawl mas-sistema ta' pannelli li hemm fuq il-bejt.

7.4 Ġew diskussi x-xogħlijiet pendenti tal-Kappara. Kien hemm qbil li għandha ssir *pedestrian crossing* fi Triq Birkirkara u tabelli *Dead Slow* fi Triq Antonio Schembri.

## *8 Performance Bonus*

8.1 Ġie diskuss il-*performance bonus* tan-numru tal-ħaddiema li l-Kunsill għandu. Ġie deċiż li l-*bonuses* għandhom ikunu kif ġej:

Maria Bonnici 6%
Nadia Fenech 6%
Emily Visanich 6%
Doreen Polidano 5%
Adrian Mifsud 5%
Kurt Guillaumier 10%

## 9 Affarjiet Oħra

9.1 Saret diskussjoni rigward is-*Sleeping policemen* li hemm fi Triq l-Istefanotis. Il-Viċi Sindku irrimarka li hu ilu ħafna jsemmihom. Il-Kunsillier Rita Saliba ipproponiiet li għandha tintbagħat ittra ta' konsultazzjoni lir-residenti ta' din it-triq. Il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

9.2 Saret diskussjoni u kien hemm qbil unanimu li :

- tiġi rranġata l-bankina fi Triq Bernardette;
- isir xogħol ta' *patching* fi Triq il-Fikus ;
- tiġi rranġata t-tabella fi Triq San Ġwann tal-Għorgħar ;
- napplikaw għal 40 minuta *parking* fi Triq iċ-Ċiklamini ;
- isiru l-*managed parking* fi Triq it-Trunċiera t-Twila;
- isir kuntatt ma' TM rigward l-40 minuta *parking* fi Triq in-Naxxar;
- jiġu ordnati d-*diaries*.

**10 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 19 ta' Diċembru 2011 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**